

REGOLAMENT TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1434

tas-7 ta' Awwissu 2017

li jistabbilixxi d-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali applikabbi mit-8 ta' Awwissu 2017

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieg fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (¹), u b'mod partikulari l-Artikolu 183 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 1(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 642/2010 (²) jipprevedi li, għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM 1001 11 00, 1001 19 00, dak li kien il-kodiċi ex 1001 91 20 [il-qamħ komuni għaż-żrīgħ], dak li kien il-kodiċi ex 1001 99 00 [il-qamħ komuni ta' kwalità għolja minbarra dak għaż-żrīgħ], 1002 10 00, 1002 90 00, 1005 10 90, 1005 90 00, 1007 10 90 u 1007 90 00, id-dazju tal-importazzjoni huwa daqs il-prezz tal-intervent li jgħodd għal dawn il-prodotti fil-waqt tal-importazzjoni tagħhom, biż-żieda ta' 55 % u bit-tnaqqis tal-prezz tal-importazzjoni tas-CIF applikabbi għall-kunsinna kkonċernata. Madankollu, dan id-dazju ma jistax jaqbeż ir-rata tad-dazju tat-Tariffa Doganali Komuni.
- (2) L-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010 jipprevedi li, għall-finijiet tal-kalkolu tad-dazju tal-importazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu, kull tant żmien għandhom jiġu stabbiliti prezziżżejjiet rappreżentativi tal-importazzjoni tas-CIF għall-prodotti kkonċernati.
- (3) Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010, il-prezz tal-importazzjoni li għandu jintuża għall-kalkolu tad-dazju tal-importazzjoni tal-prodotti msemmjija fl-Artikolu 1(1) ta' dak ir-Regolament huwa l-prezz rappreżentativi tal-importazzjoni tas-CIF tal-ġurnata stabbilit skont il-metodu previst fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.
- (4) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti d-dazji tal-importazzjoni għall-perjodu li jibda fit-8 ta' Awwissu 2017, li jkunu applikabbi sa ma jidħlu fis-seħħi dazji tal-importazzjoni ġodda.
- (5) Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010, jeħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħi dak inħarr tal-publikazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Mit-8 ta' Awwissu 2017, id-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali msemmjija fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010 għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament abbażi tal-fatturi msemmjija fl-Anness II.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fil-jum tal-publikazzjoni tiegħu f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Awwissu 2017.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali

Direttorat Ġenerali għall-Agrīkoltura u l-Iżvilupp Rurali

^(¹) ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.

^(²) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 642/2010 tal-20 ta' Luu 2010 dwar regoli ta' applikazzjoni għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 dwar id-dazju ta' importazzjoni fis-settur taċ-ċereali (ĠUL 187, 21.7.2010, p. 5).

ANNESS I

Id-dazji tal-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE)
Nru 642/2010 li japplikaw mit-8 ta' Awwissu 2017

| Il-Kodiċi tan-NM | Deskrizzjoni tal-prodotti | Dazju tal-importazzjoni (¹) (EUR/t) |
|------------------|--|--|
| 1001 11 00 | QAMĦ durum għaż-żrigħ | 0,00 |
| 1001 19 00 | QAMĦ durum ta' kwalità għolja minbarra dak għaż-żrigħ | 0,00 |
| | ta' kwalità medja minbarra dak għaż-żrigħ | 0,00 |
| | ta' kwalità baxxa minbarra dak għaż-żrigħ | 0,00 |
| ex 1001 91 20 | QAMĦ komuni għaż-żrigħ | 0,00 |
| ex 1001 99 00 | QAMĦ komuni ta' kwalità għolja minbarra dak għaż-żrigħ | 0,00 |
| 1002 10 00 | SEGALA għaż-żrigħ | 5,16 |
| 1002 90 00 | SEGALA minbarra dik għaż-żrigħ | 5,16 |
| 1005 10 90 | QAMĦIRRUM għaż-żrigħ minbarra l-qamħirrum ibridu | 5,16 |
| 1005 90 00 | QAMĦIRRUM minbarra dak għaż-żrigħ (²) | 5,16 |
| 1007 10 90 | SORGU tal-qamħ minbarra dak ibridu għaż-żrigħ | 5,16 |
| 1007 90 00 | SORGU tal-qamħ minbarra dak għaż-żrigħ | 5,16 |

- (¹) Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 2(4) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010, l-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis fid-dazji ta':
- EUR 3 għal kull tunnellata, jekk il-port tal-ħatt ikun jinsab fil-Baħar Mediterranean (il-hinn mill-Istrett ta' Ġibiltà) jew fil-Baħar l-Is-wed u jekk il-merkanzija tasal fl-Unjoni mill-Ōcean Atlantiku jew permezz tal-Kanal ta' Suez,
 - EUR 2 għal kull tunnellata, jekk il-port tal-ħatt ikun jinsab fid-Danimarka, fl-Estonja, fl-Irlanda, fl-Latvja, fl-Litwanja, fl-Polonja, fl-Finlandja, fl-Iż-vezja, fir-Renju Unit jew mal-kosta tal-Atlantiku tal-Peniżola Iberika u jekk il-merkanzija tasal fl-Unjoni mill-Ōcean Atlantiku.

- (²) L-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis fiss ta' EUR 24 għal kull tunnellata jekk jitħarsu l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 642/2010.

ANNESS II

Fatturi għall-kalkolu tad-dazji stabbiliti fl-anness I

1. Il-prezzijiet medji għall-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010:

| | Qamħ komuni (¹) | Qamħirrum | (EUR/t) |
|---------------------------------|-----------------|-------------|---------|
| Il-Borża | ta' Minneapolis | ta' Chicago | |
| Kwotazzjoni | 241,54 | 123,83 | |
| Primjum fuq il-Golf | — | 11,46 | |
| Primjum fuq l-Għadajjar il-Kbar | 31,54 | — | |

(¹) Primjum pożittiv ta' 14-il euro għal kull tunnellata inkorporata (l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010).

2. Il-prezzijiet medji għall-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010:

| | |
|--|-------------|
| Spejjeż għat-trasport: Il-Golf tal-Messiku–Rotterdam | 16,58 EUR/t |
| Spejjeż għażiex għat-trasport: L-Għadajjar il-Kbar–Rotterdam | 39,83 EUR/t |